# In-Niċeċ f'Għawdex

## *B'riferenza speċjali għal dawk dedikati lill-Madonna*

Waħda mill-karatteristiċi tipiċi tal-gżejjer Maltin huma n-niċeċ li nsibu fl-ibliet, fl-irħula u fil-kampanja tagħna. F'Għawdex in-niċeċ ma jonqsux, għandna minnhom bosta li huma antiki ferm, oħrajn li m'humiex daqstant qodma u saħansitra oħrajn li huma pjuttost ġodda. U dan juri li d-drawwa u t-tradizzjoni tal-Għawdxin li jagħmlu n-niċec mad-dar tagħhom għadha tabilħaqq ħajja saħansitra sa llum.

In-niċeċ qodma tagħna huma marbuta intimament mar-reliġjon: insibu niċeċ tal-Madonna, tal-qaddisin, u anki tal-Kurċifiss, tal-Qalb ta' Ġesù u tan-Nazzarenu.

Dawn in-niċeċ insibuhom iżejnu l-faċċati tad-djar privati tagħna, il-kantunieri tat-toroq, kif ukoll il-faċċati tal-knejjes u ħitan tal-ġonna. X'uħud min-niċeċ tagħna jinsabu fil-kampanja, mibnija apposta qalb l-għelieqi, u oħrajn jinsabu fil-bidu ta' xi triq ewlenija tar-raħal, bħan-niċċa tas-Sellum tax-Xagħra, dik ta' fuq Għajn Qatet u l-oħra tat-Triq tal-Fgura fir-raħal tal-Għarb.

In-niċeċ tagħna jistgħu jitqiesu bħal knejjes ċkejknin fl-ibliet u l-irħula tagħna u magħhom hemm marbuta mhux biss il-qima u d-devozzjoni tal-Għawdxin, imma wkoll tradizzjonijiet, leġġendi u fatti storiċi li jeħduna 'l bogħod fiż-żmien meta l-gżejjer tagħna kienu jkunu ta' sikwit maħbuta mill-furbani Torok, inkella meta kienu jsofru ħsarat minn fenomini naturali bħal terremoti u maltempati, jew mill-qilla ta' xi mxija kiefra tal-pesta jew mard ieħor.

U fl-imgħoddi d-dawl inemnem quddiem dawn in-niċeċ, speċjalment fit-toroq dojoq u mudlama tar-Rabat, ma kienx biss ifisser b'mod spiritwali l-fidi ta' niesna fil-Madonna u l-qaddisin, imma dan id-dawl kellu wkoll funzjoni materjali x'jaqdi billi kien jixgħel u juri l-mogħdija fi dlam ċappa taqtgħu b'sikkina.

Fil-biċċa l-kbira tal-parroċċi ta' Għawdex insibu niċeċ marbuta mad-devozzjoni lejn it-titular tal-parroċċa. Għalhekk naraw li fil-Qala kważi n-niċeċ kollha huma ddedikati lill-Kunċizzjoni, it-titular tas-santwarju antik u Nazzjonali tal-Kunċizzjoni tal-Qala. Fix-Xewkija nsibu niċeċ dedikati lil San Ġwann Battista, patrun tar-raħal. Fix-Xagħra ma tonqosx niċċa dedikata lill-Bambina fi Triq il-Knisja, fir-Rabat in-niċeċ ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ huma prominenti ħafna. Hekk ukoll il-Għarb għandna niċċa ddedikata lill-Viżitazzjoni u f'San Lawrenz niċċa lill-qaddis li ta ismu lir-raħal, u, naturalment, il-Madonna tas-Sokkors insibuha fost in-niċeċ tar-raħal ta' Kerċem. B'dana kollu, għal xi raġuni, f'xi rħula ma nsibux niċeċ dedikati lill-qaddis titulari.


Il-Madonna tal-Provvidenza, Rabat, Għawdex.

In-niċeċ huma wkoll espressjoni ta' l-arti popolari f'pajjiżna. F'Għawdex insibu niċeċ bl-istatwi tal-ġebel, statwi ta' l-injam u anki tal-kartapesta. Dawn inħadmu minn artisti dilettanti u popolari bħalma kien Ġużeppi Agius, magħruf bħala "Il-Brejbex", mir-Rabat, Għawdex, li ħadem bosta statwi għan-niċeċ u anki għad-djar privati. Xogħlijiet oħra saru wkoll mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri li kien artist ta' ħila, li ħadem San Ġwann għal niċċa fix-Xewkija.

Il-għażla ta' isem il-qaddis tan-niċċa ssir minn min jagħmel in-niċċa. Aktarx li l-għażla taqa' fuq il-qaddis ta' ismu, inkella għax min jagħmel in-niċċa jkollu xi rabta speċjali ma' dak il-qaddis. Hekk insibu li n-niċċa ta' San Franġisk ta' Sannat min għamilha kien terzjarju Franġiskan.

Hemm ukoll rabtiet speċjali bejn in-niċeċ u l-ismijiet tat-toroq. Xi drabi n-niċċa tiġi ddedikata f'ġieħ l-isem tal-qaddis li t-triq tkun imsemmija għalih. Min-naħa l-oħra xi toroq jieħdu isimhom minn niċċa prominenti li tkun tinsab fl-istess triq. Dan jiġri l-aktar fir-Rabat: Triq Sant'Indrija, Triq il-Karità, Triq il-Provvidenza u Triq Santa Marija. Triq Monsinjur Ġużeppi Farrugia dari kien jisimha Strada Pietà għan-niċċa prominenti tal-Madonna li tinsab fl-istess triq.

Xi statwi u niċeċ isiru bħala riżultat tad-devozzjoni partikolari lejn il-qaddis jew lejn il-Madonna ta' xi familji. Din kienet ir-raġuni għaliex saru n-niċeċ ta' San Ġużepp iż-Żebbuġ u tad-Duluri t-Triq tal-Għajn.

➥ ikompli paġna 99



# Niċeċ dedikati lill-Madonna

➡ minn paġna 98

Il-Madonna taċ-Ċiċri, iż-Żebbuġ, tissejjaħ hekk għaliex għamilha wieħed imlaqqam 'iċ-Ċiċri' bħala ringrazzjament lill-Madonna talli kien sab l-ilma u seta' jagħmel pompa biex minnha jixorbu n-nies.

Il-Madonna ta' Borg f'Ta' Sannat, li fil-fatt hija statwa ta' Santa Marija Assunta, tissejjaħ hekk għall-fundatur tagħha, il-Kappillan Franġisk Borg, li kien Kappillan ta' Sannat bejn l-1862-63. Xi laqmijiet oħra tan-niċeċ tagħna huma wkoll interessanti. F'Ta' Kercem, il-Madonna tal-Patri tissejjaħ hekk għaliex ħdejn ix-xbieha tal-Kunċizzjoni hemm ix-xbieha ta' Patri li ma hu ħadd ħlief Duns Scotus, difensur ta' l-Immakulata.

Il-Madonna ta' Gajdoru fix-Xagħra tissejjaħ hekk għaliex hija ddedikata lil *Sancta Maria Gaudiorum* jew Sidtna Marija tal-Ferħat.

Għandna wkoll niċeċ li jissejħu "tal-Madonna tar-Rummiena" għaliex il-Bambin ikollu f'idu rummiena. In-niċeċ tal-Madonna tar-Rummiena huma: Dik tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet, dik tal-Providenza li hemm kantuniera ma' Triq San Ġorġ, ir-Rabat, u dik li hemm fuq Għajn il-Kbira, it-Triq tal-Għajn.

Fl-antik ħafna knejjes fil-kampanja kienu jinbnew b'wegħda. Hekk ukoll in-niċeċ, ħafna minnhom isiru wkoll b'wegħda. Niċċa magħrufa ħafna li nbniet b'wegħda hija dik tal-Madonna ta' l-Anġli fix-Xagħra, imsejħa ta' Lindju, il-laqam ta' Indrì, ir-raġel li waqqafha. Dan Indrì kien waqa' fil-jasar u kien għamel wegħda li jekk jeħles iwaqqaf niċċa lill-Madonna, kif fil-fatt għamel.



Il-Madonna tal-Ħniena, is-Sellum tax-Xagħra



Il-Madonna tar-Rummiena, Ta' Ħammet.

Jingħad li qabel ma miet kien ħalla biċċa raba' biex jinxtegħel il-fanal biż-żejt quddiem l-istess niċċa, iżda ħadd ma sab fejn kienet din il-biċċa raba'.

In-niċċa tal-Madonna li tinsab mad-dar Nru. 27 Triq Seguna, Ta' Sannat, għandha ġrajja interessanti marbuta magħha. Darba waħda, u dan kien qabel l-1909, vapur intilef f'maltempata. Meta kien għaddej qrib il-bajja ta' Marsalforn, il-baħrin raw dawl ċkejken. Dawn għamlu kuraġġ u rnexxielhom isalvaw. Id-dawl ċkejken kien ġej miż-żejt li kien hemm jixgħel quddiem din in-niċċa. Għalhekk il-kaptan offra somma flus lil Franġisku Mizzi bħala wegħda biex iż-żejt ikompli jinxtegħel. Iżda Franġisku pperswada lill-Kaptan biex dawn il-flus imorru għall-Kappella Ta' Pinu li f'dak iż-żmien kienet aktar fil-bżonn.

In-niċċa tad-Duluri li tinsab f'kantuniera f'forma ta' nagħla bejn Triq it-Tiġrija u l-bidu ta' Triq Marsalforn, ix-Xagħra, u li tagħmel mad-dar Nru 52 saret b'wegħda talli min dan il-post 'l isfel ir-raħal ma ġiex mimsus mill-pesta li ħakmet fuq ix-Xagħra fl-1814.

Niċċa oħra li saret b'wegħda tinsab mad-dar Nru 4 Triq Santa Katerina, ix-Xewkija, faċċata ta' Triq il-Ħamrija. Infatti, jingħad li din in-niċċa saret fit-3 ta' Frar, 1839, minn familja nobbli li kienet toqgħod ix-Xewkija biex Santa Katerina żżomm il-pesta 'l bogħod minn dan ir-raħal. Fil-fatt, minn dak in-nhar 'l hawn ħadd mir-raħal tax-Xewkija ma marad bil-pesta. U la qegħdin fir-raħal tax-Xewkija nistgħu nsemmu wkoll in-niċċa ta' San Pubbliju li qiegħda fid-dar ta' Ġużeppi Farrugia. Din l-istatwa saret mill-ġebla minn Wistin Camilleri.

Fl-aħħar gwerra dinjija n-nies ta' Triq San Publiju għamlu wegħda li jwaqqfu niċċa ta' San Publiju billi jagħmlu statwa ta' dan il-qaddis u jqegħduha f'niċċa jekk ma jintefgħux bombi f'dik in-naħa.

➡ ikompli paġna 100


ROLL-IN

PASTIZZERIJA

Pastizzi, Pizza, Qassatat, Meat Pies, Timpana, Sausage Rolls, Ravjul, Għaġina

138, Eucharistic Congress Road, Mosta Tel: 432536

St. Helen Square, B'Kara Tel: 485398

# Niċeċ dedikati lill-Madonna

➡ minn paġna 99

Meta l-gwerra spiċċat, in-nies ta' Triq San Pubbliju komplew il-wegħda li għamlu. Toni Camilleri mix-Xewkija għamel in-niċċa u l-istatwa tpoġġiet fiha fit-13 ta' Mejju, 1946.

In-niċċa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni, aħna u deħlin il-Għarb qabel ma taqbad salib it-toroq jew il-Fgura, jingħad li kienet inbniet min-nies tal-Għarb b'wegħda għaliex f'dawk l-inħawi kienu jinstemgħu ħafna ħsejjes kbar li kienu jwerwru lil kull min ikun għaddej. In-niċċa l-qadima, li kienet in-naħa l-oħra tat-triq fil-fatt twaqqfet fl-1595 meta spiċċat l-imxija tal-kolera.

Wegħdi oħra saru minn nies tal-baħar li kienu sabu ruħhom f'xi diffikultajiet u ħelsu mill-għarqa. Dawn ukoll wiegħdu li jagħmlu niċċa bħala ex-voto tagħhom. Dwar ġrajjiet bħal dawn tfakkarna n-niċċa tal-Madonna ta' Portu Salvu f'Għajnsielem u dik ta' Portu Salvu wkoll f'kantuniera ma' Triq Ċimċem u Triq tas-Sajd, in-Nadur, imwaqqfa minn Kaptan imlaqqam Ċimċem li kien iħaddem skuna bejn Sqallija u Malta. Darba nqabdu f'maltempata u sfaw fil-baħar u nġabru minn vapur Taljan. Talli salvaw, il-Kaptan waqqaf din in-niċċa li għandha devozzjoni kbira mis-sajjieda Nadurin.

Ħafna min-niċeċ tagħna huma mżejnin u mogħnija b'diversi indulġenzi jekk wieħed jgħid xi talba quddiemhom. Għalhekk, man-niċeċ importanti, tista' tgħid kollha, insibu skrizzjoni fuq lapida tal-ġebel jew ta' l-irħam li fiha jkun hemm talb li għandu jingħad, min kien l-isqof li ħareġ id-digriet għal dawn l-indulġenzi u d-data. Hawn irridu noqogħdu attenti li nifhmu sewwa li d-data tad-digriet m'hix id-data ta' meta twaqqfet in-niċċa.




Il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ, Għawdex.

It-talb li jingħad quddiem in-niċeċ ikun jiddependi skond għal liema qaddis tkun iddedikata n-niċċa. Quddiem statwa ta' Kristu aktarx li n-nies ikunu mitluba li jgħidu Kredu. Quddiem niċċa tal-Madonna aktarx li t-talb ikun xi *Salve Reġina* jew is-*Sliema*. L-indulġenzi mogħtija aktarx ikunu 40 jum, ta' 50 jum jew ta' 100 jum. Quddiem in-niċeċ tal-qaddisin it-talb aktarx ikun Missierna, Sliema u Glorja. Id-dawl u l-fjuri quddiem in-niċeċ tagħna huma wkoll sinjali tad-devozzjoni li n-nies ta' l-inħawi juru lejn il-qaddis jew qaddisin tan-niċċa.

Manifestazzjoni aktar ta' qima ssir meta lin-niċċa ssirilha l-festa. Bosta niċeċ f'Għawdex issirilhom il-festa. In-niċċa u t-triq fejn tinsab jiġu mżejna, tinxtegħel luminazzjoni, isir l-isparar, xi drabi d-daqq tal-banda, jingħad

➡ ikompli paġna 101



# Niċeċ antiki tal-Kunċizzjoni

minn paġna 100

ir-rużarju u fl-antik anki kien jitkanta l-għasar mill-qassisin ħdejn in-niċċa jew l-istatwa bħalma kien isir f'Għajnsielem quddiem l-istatwa tal-Madonna qabel ma nbniet il-Knisja Parrokkjali l-qadima.

Niċeċ li kienet jew għadha ssirilhom il-festa huma bosta, fosthom nixtiequ nsemmu: l-Madonna ta' Lourdes, in-Nadur, id-Duluri f'San Lawrenz, is-Salvatur it-Triq tal-Għajn, tal-Karmnu, il-Munxar, ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija, li sahansitra kienu joħorġu l-istatwa min-niċċa u jagħmlu dimostrazzjoni biha, u bosta niċeċ oħra fir-Rabat, l-aktar dik tal-Madonna ta' Loretu fi Triq Għajn Qatet. Hawnhekk kienet issir il-quddiesa u l-purċissjoni u kienet tieħu sehem ukoll il-banda. Din in-niċċa għandha wkoll il-leġġenda tagħha li tgħid li darba kien għaddej wieħed jidgħi kemm jiflaħ minn quddiem din in-niċċa u dan spiċċa biex weħel ma' l-art u ma nqalax qabel ma talab maħfra lil Alla.

In-niċeċ tagħna, kemm dawk antiki kif ukoll dawk mhux daqstant antiki, flimkien mal-figuri żgħar tal-Madonna u tal-Qaddisin li nsibu mwaħħla mad-djar tagħna huma wirt folkloristiku den ta' ġensna, li juri b'mod l-aktar estern u manifest l-imħabba tagħna lejn ir-reliġjon ta' missirijietna. Hija ħasra li x'uħud min-niċeċ inqalgħu u nqerdu bla ma ġew imġedda, u għalhekk, hu ta' min ifaħħar lil dawk in-nies li meta jaqilgħu xi niċċa qadima jaraw kif jagħmlu biex b'xi mod jippreservawha fil-bini l-ġdid. Għalkemm illum id-dawl inemnem tan-niċċa m'għadux meħtieġ biex idawwal it-toroq, imma żgur li baqagħlu tifsira, dik li minkejja t-taħbit kollu tal-ħajja moderna, bħal niesna ta' qabilna, aħna wkoll għad nintemmu biex nidhru quddiem Alla ħalli jagħmel ħaqq minna u mit-tajjeb u l-ħażin li nkunu għamilna f'ħajjitna.



Il-Madonna tal-Karmnu, Għajnsielem.

In-niċeċ juruna wkoll li xi devozzjonijiet huma mxerrda tista' tgħid ma' Għawdex kollu. Nieħdu, per eżempju, id-devozzjonijiet lejn id-Duluri.

Fil-Gran Kastell insibu n-niċċa qadima tal-Madonna tas-Solidad, id-Duluri, kif kienet tissejjaħ mill-Ispanjoli.

Fir-Rabat insibu żewġ niċeċ oħra tad-Duluri, waħda fi Triq il-Karità u l-oħra fi Triq San Ġorġ.

Niċċa tad-Duluri oħra nsibuha fir-raħal tax-Xewkija fi Triq il-Mitħna mad-dar Nru. 3 ta' Toni Camilleri. L-istatwa hija ta' Ġużeppi Agius magħruf bħala "Il-Brejbex".

F'Marsalforn insibu wkoll niċċa tad-Duluri sewwa sew mal-faċċata tad-dar tal-familja Meilak fil-bidu ta' Triq Santa Marija.

ikompli paġna 102





C&X

IRONMONGERY

Visit our store at:

C&X Ironmongery
Biccerin Street,
Mosta
☎ 432666

FOR ALL YOUR HARDWARE NEEDS

# Niċeċ antiki tal-Kunċizzjoni

➡ minn paġna 101

Mad-dar Nru. 75 fi Triq Għajn Qatet hemm ukoll niċċa tad-Duluri li aktarx saret fuq talba ta' Ġużeppi Cini li kien proprjetarju tagħha. Dan kien fratell tad-Duluri u għamel ukoll l-istatwa tad-Duluri fil-Knisja Parrokkjali.

Minbarra r-raħal tal-Qala nsibu mxerrda ma' Għawdex kollu niċeċ tal-Kunċizzjoni li juri kemm id-devozzjoni hija għażiża fost il-Għawdxin.

Fir-Rabat insibu dawn in-niċeċ antiki tal-Kunċizzjoni:

a) F'kantuniera fi Pjazza Savina. L-istatwa għandha mill-1750.

b) Mal-ħanut ta' l-aħwa Curmi fi Pjazza Santu Wistin, magħrufa wkoll bħala fuq it-Tomba.

c) Niċċa tal-Kunċizzjoni tidher ukoll mad-dar Nru. 15 fl-istess pjazza.

d) Fi Pjazza San Franġisk, kważi kantuniera ma' Triq il-Palma nsibu niċċa oħra antika tal-Kunċizzjoni li żgur ilha teżisti minn qabel l-1750.

e) Niċċa kbira u artistika tal-Kunċizzjoni tinsab mal-Knisja ta' San Franġisk.

f) Niċċa oħra tal-Kunċizjzoni nofsha njam u nofsha ġebel tinsab mad-dar Nru. 63 Triq San Duminku.

g) Fl-aħħarnett insemmu n-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm maz-zuntier tal-Knisja tal-Kappuċċini li saret mad-war is-sena 1739.

Mela dawn kienu n-niċeċ tal-Kunċizzjoni fir-Rabat.

Niċċa oħra tal-Kunċizzjoni tinsab in-Nadur mad-dar ta' Toni Grima, Nru. 24 Triq Grunju. L-istatwa tagħha kien għamilha l-mejjet Ġużeppi Agius, il-Brejbex.

Ix-Xagħra wkoll għandha n-niċċa tal-Kunċizzjoni tagħha. Din tinsab mal-blokk bini antik li jġib in-numri 140 - 143. Id-digriet ta' l-Indulġenzi ta' l-Isqof Pellerano jġib id-data ta' l-1773. Mela n-niċċa hija eqdem minn hekk. L-antiki jirrakkontaw ukoll li din kienet il-post tal-villeġġjatura ta' l-Isqof.

L-aħħar niċċa tal-Kunċizzjoni li se nsemmu hi dik tal-Munxar li tinsab mad-dar Nru. 7 fi Triq San Pawl. Imma dari f'din in-niċċa kien hemm statwa ta' l-Assunta. Meta spiċċat flokha qiegħdu dik tal-Kunċizzjoni.

Titlu ieħor tal-Madonna li tiegħu nsibu hafna niċeċ f'Għawdex hu dak tal-Madonna tal-Karmnu u, xhieda l-aktar ċara tad-devozzjoni tal-Għawdxin lejn il-Madonna taħt dan l-isem, huma dawn in-niċeċ.

Fir-Rabat insibu n-niċċa żgħira tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq San Ġorġ b'xi 40 jum indulġenza. Niċċa oħra tal-Karmnu kienet tinsab fit-triq ta' wara Santu Wistin, iżda llum spiċċat.

Niċċa oħra tal-Karmnu, imma din tagħmel max-Xewkija, dik ta' Ħammet, magħrufa bħala *tar-Rummiena.*

Fil-Għarb insibu niċċa tal-Madonna tal-Karmnu bi statwa maħduma minn Alessandru Zammit, miż-Żejtun, fl-1838. In-niċċa tinsab fl-inħawi magħrufa bħala "fuq il-Blata".

Żewġ niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu jinsabu n-Nadur, sewwa sew fil-pjazza tar-raħal. In-niċċa li tinsab mad-dar Nru. 20 issirilha wkoll il-festa bi fjakkulata u d-daqq tal-banda.

Niċċa oħra tal-Karmnu f'dan ir-raħal tinsab kantuniera mal-Pjazzetta u Triq Xandriku.

Ix-Xagħra nsibu żewġ niċeċ oħra tal-Madonna tal-

➡ ikompli paġna 103

SUPER TRONIC
SYSTEMS
*Nicolò Isouard Street,*
*Mosta MST 08*
*Tel: 437019*
*Fax: 523673*




**Leading Trademarks**
**at Affordable Prices**
**Supermicro Mainboards**
**Belinea Monitors 3 years warrants**
**Original Intel Products**
**Tools & Accessories**
**Complete Systems Upgrades**
**Network Solutions**
**& A Friendly After Sales Service**

email: supertronic@digigate.net

NUMERO 3
M-E-N-S- &-L-A-D-I-E-S
W-E-A-R
164, Constitution Street,
Mosta Tel: 419275

*Sub Agents for*
*Portughes Laundry and*
*Dry Cleaning*

**10% discount on presentation of membership card**

# Niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu

➡ minn paġna 102

Karmnu. Waħda qiegħda mad-dar Nru. 107 Triq Ġnien Xibla li sidha għamilha b'wegħda talli ġie lura mill-Amerika qawwi u sħiħ. L-oħra qiegħda fi Triq Mannar mad-dar Nru. 16 ftit 'il bogħod mill-Knisja tan-Nazzarenu. Din in-niċċa kienet saret b'devozzjoni u b'wegħda tal-fejqan ta' mart Ġużepp Galea, tal-Wenz. Dari kien jingħad ir-Rużarju quddiemha u fil-festa jqabbdu ħuġġieġa.

Niċċa oħra tal-Karmnu tinsab Ta' Sannat, fi Pjazza Margerita. L-istatwa aktarx ħadimha l-Isqalli Francesco Jatalco, l-istess wieħed li kien għamel l-istatwi l-antiki li kien hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.

Niċċa sabiħa tal-Karmnu tinsab Għajnsielem fit-Triq Ewlenija li mill-Imġarr tiehu għar-Rabat. Ħallsu għaliha l-aħwa Costa u aktarx ħadimha l-istatwarju Karlu Darmanin. Fl-antik fil-festa tal-Karmnu ħdejn din in-niċċa kienet issir tiġrija tan-nies. Min jirbaħ kien jingħata beritta.

Fl-istess triq li tiehu għar-Rabat mad-dar Nru 25 insibu niċċa oħra tal-Madonna tal-Karmnu u tħares lejn iċ-ċimiterju. Ħadimha Ġużeppi Agius, il-Brejbex. L-ispejjeż ġabarhom Spiru Costa, bejjiegħ tal-pitrolju li ħareġ ukoll parti mill-ammont tal-flus.

L-aħħar statwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Għajnsielem hi dik ta' Triq Ħamri mad-dar Nru. 122. Dari quddiem din l-istatwa kien jingħad ir-Rużarju. Fil-festa kienet issir il-mixegħla, marċ u logħob tan-nar, u anki quddiesa.

L-inħawi ta' Qasam San Ġorġ jagħmlu ma' Ta' Kerċem. Hawnhekk, niċċa fuq kolonna, insibu statwa tal-Madonna tal-Karmnu. Din l-istatwa saret min-nies tal-post meta spiċċat il-pesta. In-niċċa twaqqfet minn Ċelest Cassar, kif tgħid l-iskrizzjoni.

In-niċċa li hemm fuq Għajn il-Kbira, it-Triq tal-Għajn, hija wkoll tal-Karmnu. Din hija waħda antika u dari kienet issirilha l-festa. Kienu jżejnu l-pjazzetta bl-arkati tal-qasab u karti kkuluriti u l-mixegħla kienet issir bil-fjakkli.

Il-Għasri wkoll insibu niċċa tal-Madonna tal-Karmnu. Din tinsab mad-dar Nru. 45 Triq il-Fanal. Kienet saret għax sidha Ġużepp Calleja kien devot ukoll ta' l-erwieħ tal-purgatorju. Għalhekk għażel dan it-titlu.

Fil-pjazza tal-Munxar ukoll insibu niċċa tal-Madonna tal-Karmnu li dari kienet ikbar għax kienet mibnija apposta fuq ħajt ta' għalqa. Din in-niċċa wkoll kienet issirilha l-festa u kienu jsiru t-tlielaq tat-tfal u l-ġuvintur.

L-aħħar niċċa tal-Madonna tal-Karmnu li se nsemmu tinsab ma' dar fi Triq ix-Xlendi. L-istatwa hi tal-ġebel. Għalkemm qadima għadha f'kundizzjoni tajba.

Minkejja li l-kult tal-Madonna ta' Lourdes m'hux wieħed antik bil-bosta, f'Għawdex insibu bosta niċeċ dedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu.

Fit-Tokk tar-Rabat, illum Pjazza Indipendenza, insibu niċċa bil-ħġieġ dedikata lill-Madonna ta' Lourdes li kienet saret fl-1900.

Il-Madonna ta' Lourdes fin-niċċa tagħha ta' Triq Xandriku kellha devozzjoni kbira mis-sajjieda. L-istatwa għandha fuq 100 sena. Dari kienet issirilha l-festa bl-isparar, bil-ħġejjeġ u l-mixegħla.

Ix-Xagħra wkoll għandhom niċeċ iddedikati lill-Madonna ta' Lourdes. Mad-dar Nru. 3 fi Triq il-Knisja nsibu niċċa li l-istatwa tagħha nġiebet apposta minn Lourdes. Niċċa oħra ta' Lourdes tinsab fid-dar tal-familja Cassar, Sydney House,

➡ ikompli paġna 104

DUAL Schneider



Hi-Fi — TV — Video
Quality made in Germany

MOSTA ELECTRONIC CENTRE
Prop. J. Zerafa
Constitution Street, Mosta
Tel: 412091 Mobile: 099 3737

DUAL Schneider

*Ahead in every class*
*with our best wishes*
*for First Class Entertainment*

# Niċeċ b'titli oħra lill-Madonna

minn paġna 103

Triq Ġnien Xibla. Niċċa oħra ta' Lourdes tinsab fit-Triq tal-Qaċċa qrib id-dar Nru. 18. Is-sidien kienu jgħidu r-rużarju kull filgħaxija ħdejn din in-niċċa.

F'Ta'Sannat, mad-dar Nru. 48 Triq Seguna, naraw ukoll niċċa tal-Madonna ta' Lourdes bi statwa antika tal-ġibs. In-niċċa ħadimha Ġanni Camilleri meta bena d-dar mill-ġdid wara li kienet twaqqgħet fl-aħħar gwerra, talli l-Madonna ħelset il-familja tiegħu mill-mewt.

Anki ż-Żebbuġ għandu n-niċċa tiegħu dedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Din tinsab fi Triq il-Ponta u saret mill-familja Cassar.

F'Għajnsielem, jew aħjar l-Imġarr, naraw dik li għandha mnejn hi n-niċċa l-aktar magħrufa tal-Madonna ta' Lourdes fin-niċċa tagħha fis-sies taħt is-santwarju dedikat lill-istess Madonna.

Fl-aħħarnett, fit-Triq ta' l-Imġarr, mad-dar Nru. 94 insibu niċċa oħra tal-Madonna ta' Lourdes ta' l-armla Rosa Mercieca.

## Niċec b'titli oħra tal-Madonna huma

a) In-niċċa tal-Madonna ta' Loretu fi Pjazza San Ġorġ. Din in-niċċa għandha statwa tal-ġebel u kienet saret madwar is-sena 1650. Qabel ma twessgħet il-pjazza kienet fil-kantuniera ma' Triq San Ġużepp.

b) In-niċċa tal-Madonna Ta' Pinu fi Triq Vajrinġa li saret fl-1896.

c) Niċċa oħra taħt it-titlu Ta' Pinu bi xbieha mpittra fuq kwadru tinsab mad-dar tal-Familja Scicluna fi Triq il-Bibljoteka.

d) Niċċa tal-Madonna Ta' Pinu tinsab fuq il-Għolja ta' Għammar u kienet twaqqfet minn Frenċ tal-Għarb.

e) Titlu ieħor magħruf f'Għawdex hu dak tal-Madonna tal-Ħniena. Fi Triq Monsinjur Ġużeppi Farruġia nsibu niċċa antika tal-Madonna tal-Ħniena li saret għall-ħabta tas-sena1675. Dari t-triq kien jisimha għal din il-Madonna - Strada Pietà.

In-niċċa li naraw fuq ir-riħ tas-Sellum tax-Xagħra hija wkoll tal-Madonna tal-Ħniena. Inbniet bħala ħajr lill-Madonna wara li flaġell tal-pesta kien laqat ix-Xagħra fl-1814.



L-Assunta, ħdejn l-awrikarja ta' salib it-toroq

f) Titlu mhux komuni hu dak tal-Qalb ta' Marija. Niċċa tal-Qalb ta' Marija tinsab fit-Triq ta' Wara s-Sur, ir-Rabat, u kienet saret fl-1860. Din l-istatwa hija xogħol fil-ġebla Għawdxija.

Ix-Xagħra għandna niċċa tal-Qalb ta' Marija mad-dar Nru. 142 Triq it-Tiġrija, mad-dar ta' Dun Ben Attard.

ikompli paġna 106




# Niċeċ b'titli oħra lill-Madonna

➡ minn paġna 104

g) Niċċa rari hi dik li tinsab mad-dar ta' Mikiel Vella, ix-Xewkija, sewwa sew fi Triq Santa Marija. Din in-niċċa fiha żewġ statwi; waħda ta' Santa Marija u l-oħra ta' San Ġwann, li nħadmu minn Ġużeppi Agius, il-Brejbex fl-1940.

Niċċa oħra ta' Santa Marija tinsab mad-dar ta' ħdejn l-awrikarja fir-raħal tal-Għarb. Saret qrib is-sena 1928.

h) Fil-kantuniera tad-dar li ġġib in-Nru 2., Triq Sdieri, il-Għarb, insibu niċċa tal-Madonna tal-Grazzja, maħduma minn Wistin Camilleri u li kienet tpoġġiet f'postha fl-1 ta' Ġunju, 1958. Dari, fit-tieni Ħadd ta' Settembru kienet issirilha l-festa.

i) Mad-dar Nru. 6 Triq Ċimċem, in-Nadur, insibu niċċa tal-Madonna ta' Fatima pjuttost riċenti għax saret fl-1972. L-istatwa hi tal-kartapesta u kienet ordnata minn Rużarju Meilak.

j) Niċċa tal-Madonna bil-Bambin insibuha fil-kantuniera tad-dar tal-mużew tal-bniet fi Triq il-Kappillan, in-Nadur.

k) L-istatwa fuq pedistall għoli f'nofs il-Bajja tar-Ramla l-Ħamra hija tal-Madonna ta' l-Isperanza. Kien waqqafha s-Surġent Ġanni Gauci fl-1881, billi kien ikun għassa f'din il-bajja.

L-istatwa li hemm illum hi kopja tal-konkos ta' l-antika li kienet ittieklet bil-melħ.

l) Niċċa moderna ħafna hi dik ta' Stella Maris tal-Knisja tal-Madonna tal-Kunċizzjoni tal-blat. Inħadmet minn Camilleri Cauchi u tqiegħdet f'niċċa vojta li kien hemm f'Mejju, 1978.

m) Niċċa mill-aktar oriġinali tinsab fir-raħal tal-Għasri, kantuniera mat-triq li tieħu lejn Wied il-Għasri. Din hija ddedikata lil-Lunzjata u saret fl-1773. Jingħad li l-pellegrini fi triqthom lejn il-Knisja Bażilika tal-Patroċinju kienu jieqfu jgħidu r-rużarju quddiemha u wara l-qassis kien jitla' jagħmel priedka mill-gallerija tan-niċċa.


In-Niċċa tal-Lunzjata, Għasri, imżejna bl-altar biex fil-festa tal-Korpus tieqaf il-purċissjoni u tingħata l-barka

n) Il-Munxar mad-dar Nru. 10 fi Triq Sannat naraw niċċa tar-Rużarju. L-istatwa hija kbira u aktarx li hi tal-kartapesta. Ma jidhirx li hemm niċeċ oħra f'Għawdex dedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu.

o) L-aħħar niċċa tal-Madonna li se nsemmu hi dik tal-Madonna tal-Bon Kunsill li qiegħda fi Triq Sant'Orsla, ir-Rabat.

F'Għawdex insibu diversi niċeċ dedikati lil Kristu taħt diversi titli. Fi Triq l-Arċipriet Saverju Cassar, ir-Rabat, naraw niċċa bi statwa ta' Kristu Re li saret fis-sena 1880.

➡ ikompli paġna 107

George Tonna

Tel: 412204 Mobile: 09425234

*Point View Garage, New Street, in Fort Road, Industrial Zone, Mosta*

**Għal kull xogħol fl-injam bħal twieqi, bibien, kċejjen eċċ, kif ukoll ħdim ta' arbli tal-festi**

FOUR SEASONS

**Triq Wied is-Sir, Mosta**
**Tel: 433652**

**Issibu kull ma għandkom bżonn għall-ġonna u raba' bħal bexx, sustanzi għall-ħamrija, kull tip ta' żerriegħa, qsari, pjanti u ikel għall-għasafar u klieb**

**Prodotti ta' l-aqwa kwalità u prezzijiet moderati**

# Niċeċ tal-Qalb ta' Ġesù

minn paġna 106

Niċċa oħra ta' Kristu tinsab fil-pjazza tal-Gharb. Inħadmet minn Wistin Camilleri fl-1937.

Fl-1950 fit-Triq ta' Wara Santu Wistin, ir-Rabat, saret niċċa tal-Qalb ta' Ġesù. L-istatwa hi tal-ġebel, xogħol magħmul tajjeb ħafna.

In-Nadur naraw niċċa oħra tal-Qalb ta' Ġesù. Qiegħda mad-dar Nru 14, Triq il-Mitħna. Kienet ordnata mill-miżżewġin Ġanni u Rożarja Agius.

Il-Qalb ta' Ġesù għandha niċċa oħra f'dan ir-raħal sewwa sew mad-dar Nri 93-94 fi Triq Xandriku.

Ix-Xagħra wkoll insibu niċeċ dedikati lill-Qalb ta' Ġesù. Dik mad-dar Nru 1, Triq Sruġ li magħha kien hemm il-Qalb ta' Marija, hi tal-Kan. Dun Ben Attard.

Dik ta' Triq Għajn Qamar, mad-dar Nru 54, proprjetà ta' Anġlu Spiteri, li għamel in-niċċa talli ħeles mill-għarqa.

In-Nadur, mad-dar Nru 25 Triq it-Tramuntana, insibu niċċa tas-Salvatur, bejn żewġ galleriji. Din l-istatwa nħadmet Marsilja u kien ordnaha ċertu Salvu Camilleri xi 76 sena ilu. Inxtrat mingħand Lwiġi Portelli, aġent tal-ħwejjeġ u affarijiet tal-knisja.

F'Għajnsielem, fi Triq Sant'Antnin, fil-kantuniera tad-dar Nru 14 naraw statwa ta' Ġesù Nazzarenu, li fl-1946 kienet ngħatat 100 jum indulġenza mill-Isqof Pace.

Niċċa oħra ta' Ġesù Nazzarenu nsibuha l-Għasri mad-dar Nru 13, Triq il-Fanal. L-istatwa tal-ġebel għamilha Ġużeppi Agius fl-1944. Din in-niċċa saret b'radd ta' ħajr mis-sid tad-dar, Nazzarenu Zammit li kien irtadam fit-trinka tal-pedamenti ta' l-istess dar u ħelisha ħafif wara li dam tliet sigħat mirdum.

Ftit huma n-niċeċ dedikati lill-Kurċifiss. Waħda tinsab mad-dar Nru 59, fi Triq Xuxija, Kerċem.

Fil-faċċata tad-dar Nru 101, it-Triq tal-Għajn, insibu niċċa tal-Kurċifiss.

Issa se naraw liema huma n-niċeċ tal-qaddisin l-oħra li ma semmejniex u li lilhom twaqqfu f'Għawdex niċeċ bħala devozzjoni. Dawn huma:

a) Ta' San Alwiġi Gonzaga. Din in-niċċa tinsab ir-Rabat, fil-bidu ta' Triq il-Karità, kantuniera ma' Triq Monsinjur Ġużeppi Farrugia. Dari kienu jagħmlulha l-festa u xi bandisti mill-Banda "La Stella" kienu jdoqqu fuq iz-zuntier ta' San Ġorġ li kien hemm flok in-navi. Il-mixegħla kienet issir bit-tazzi taż-żejt.

b) Ta' San Ġużepp. Fi Triq Vajrinġa nsibu żewġ niċeċ ta' San Ġużepp; waħda mad-dar Nru 33 u l-oħra mad-dar Nru. 104.

Fit-Triq ta' Wara Santu Wistin, illum Triq Dun Pawl Micallef, insibu niċċa bi statwa tal-ġebel magħmula mill-artist popolari Għawdxi Ġużeppi Agius.

Għajn Qatet ukoll, mad-dar Nru 64, insibu niċċa bl-istatwa ta' San Ġużepp kemxejn filgħoli. Din saret mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Fl-istess triq mad-dar Nru 128 insibu niċċa oħra mill-istatwarju Ġużeppi Agius u li kienet tal-familja Gauci.

Fi Pjazza San Franġisk mad-dar Nru 24 insibu niċċa oħra, din id-darba fil-ħġieġ, dedikata lil San Ġużepp. L-istatwa turi lil San Ġużepp bil-Bambin

Niċċa oħra ta' San Ġużepp ir-Rabat hi dik ta' Triq il-Belliegħa b'ħamsin jum indulġenza mogħtija mill-Isqof Giovanni Marija Camilleri.

ikompli paġna 108



# Niċeċ ta' San Ġużepp

➡ minn paġna 107

Niċċa oħra ta' San Ġużepp insibuha tiddomina l-Pjazza tax-Xewkija u qiegħda kantuniera ma' Triq San Bert. Hawn ta' min jgħid li qabel ma nbniet id-dar, din l-istatwa ta' San Ġużepp kienet fuq pedistall li mad-warha kienu jħawlu x-xtieli tal-qronfol u tas-sardinell.

Niċċa oħra ta' San Ġużepp ix-Xewkija nsibuha fid-dar Nru 22 Triq it-Tiġrija. Din l-istatwa kienet ġiet ordnata minn Dun Ġużepp Attard li kien jgħix fl-istess dar. Hi tal-ġebel u nħadmet mill-Kanonku Dun Spir Sammut, li kien studja s-Seminarju ta' Għawdex.

Fir-raħal tal-Għarb insibu wkoll niċċa ta' San Ġużepp li tinsab ma' dar il-Fgura. Dari, fid-19 ta' Marzu ta' kull sena, kienet titqabbad ħuġġieġa quddiemha.

In-Nadur hemm żewġ niċeċ ta' San Ġużepp. Waħda fuq ħanut bejn Triq il-Kbira u Triq Ċimċem u l-oħra mar-razzett magħruf bħala ta' Maweli.

Ix-Xagħra n-nies għandhom qima kbira lejn San Ġużepp. Mad-dar Nru 123 Triq Ġnien Xibla nsibu niċċa bi statwa tal-kartapesta dedikata lil San Ġużepp. L-istatwa nħadmet minn Wistin Camilleri fuq talba tas-sidien li riedu jxerrdu l-qima lejn dan il-qaddis.

Fil-kantuniera bejn Triq Ġorġ u Triq Mannar sewwa sew mad-dar Nru 72, insibu statwa tal-ġibs ta' San Ġużepp. Jingħad li din in-niċċa saret b'wegħda fil-bidu ta' dan is-seklu.

Fi Triq Sant'Anton, mad-dar Nru 163, hemm niċċa oħra ta' San Ġużepp li jingħad li saret ukoll b'wegħda għall-fejqan ta' marda. L-istatwa hi xogħol Ġużeppi Agius, mir-Rabat, Għawdex.

Niċċa oħra ta' l-istess qaddis, jiġifieri ta' San Ġużepp, tinsab mad-dar Nru 18a Triq Jannar, fejn hemm il-Għar ta' Ninu. Hi xogħol ta' Frenċ tal-Giega.

Niċċa oħra ta' San Ġużepp tinsab fil-Pjazza tar-raħal mad-dar Nru 82, li dari kienet il-*Casa Industriale,* imwaqqfa minn Dun Ġużepp Diacono. L-istatwa ta' din in-niċċa hi tal-ġebel.

Iż-Żebbuġ fi Triq il-Knisja nsibu niċċa ta' San Ġużepp li kienet saret fl-1818 minn Antonju Cassar li kien devot kbir ta' San Ġużepp. Għandha 100 jum indulġenza, mogħtija mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace għal min jgħid Missierna, Sliema u Glorja quddiemha.



San Ġużepp, il-Pjazza tax-Xewkija

Minn din il-ħarsa ħafifa lejn in-niċeċ tal-gżira Għawdxija naraw kemm huma varjati d-devozzjonijiet li nsibu mxerrda mal-belt u l-irħula tagħna. Naraw ukoll li din it-tradizzjoni tan-niċeċ għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra u għadha sahansitra teżisti sa llum. Jalla ma jsir xejn li b'xi mod jeqred jew iġib fix-xejn wirt hekk antik u den tal-poplu tagħna. ■

*Anton F. Attard B. A.*




VASSALLO CONSTRUCTION CO. LTD

*Building Contractors*
*Crane Hire*

'Oleander', Dr. Chetcuti Street, Mosta MST 04

Tel: 413559, 438559 Fax: 413559 Mobile: 0949 4836